MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1817/2004

**Timothy u Marisa konjugi Tonwuru**

**Vs**

**Martin Cassar u George Degabriele**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) rapprezentanti l-prezz ta’ diversi oggetti, li fil-maggior parti jikkonsistu f’phone cards, li l-konvenuti serqu mill-fond ossia hanut bl-isem Hudson Confectionery, Triq il-Helsien, Hal Qormi proprjeta’ ta’ l-istess atturi, liema serqa sehhet fil-5 ta’ Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Ra li fis-seduta tal-1 ta’ Novembru, 2004 Martin Cassar ID Card Numru 231780(M) ammetta t-talba attrici.

Ra l-Kapitolu pprezentat fl-1 ta’ Novembru, 2004 mill-atturi fil-konfront ta’ George Depasquale;

Ra li l-konvenut George Degabriele baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------